MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2439/2002

***Aquatess Limited***

***vs***

***Marinella Zerafa***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-4 ta' April 2002, 9 ta' Mejju 2002, 12 ta' Gunju 2002 u tat-2 ta' Awissu 2002, u bl-imghaxijiet tat-8% fuq l-ammont mitlub mill-4 ta' April 2002 sal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata bil-procedura tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Renato Cefai, ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' April 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-4 ta' April 2002, 9 ta' Mejju 2002, 12 ta' Gunju 2002 u tat-2 ta' Awissu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------